MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2007

Appell Civili Numru. 630/1999/1

**L-Avukat Professur Ian Refalo bhala prokuratur specjali ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` estera CO.M.IND. s.r.l.**

**v.**

**Blaschem (Malta) Limited**

**Il-Qorti:**

Rat is-sentenza ta’ l-Onorabbli Qorti Prim Awla tal-31 ta’ Mejju 2004, fil-kawza fl-ismijiet premessi.

Hadet konjizzjoni tal-atti tal-kawza.

Rat ir-rikors ta’ l-appell tas-socjeta` Blaschem (Malta) Limited intavolat fit-18 ta’ Gunju, 2004 u r-risposta tas-socjeta` attrici.

Rat il-verbal tat-30 ta’ Novembru, 2000 meta gie verbalizzat is-segwenti:
“*Billi l-gbir tax-xhieda huwa maghluq, il-qorti taghti lill-attur zmien ta’ tliet xhur millum biex jaghmel l-osservazzjonijiet tieghu bil-miktub b’notifika lill-konvenuta jew l-avukat taghha li jkollhom tliet xhur biex iwiegbu.*

***Billi izda din il-kawza tista’ tiddipendi fuq l-ezitu tac-citazzjoni 1094/2000, mhux il-kaz li s-sentenza tinghata ghalissa izda tinghata fiz-zewg kawzi flimkien.***

*Il-kawza ghalhekk hija differita sabiex timxi mal-kawza cit. nru. 1094/2000 ….”*

Rat il-verbali ta’ l-udjenzi tad-19 ta’ Ottubru 2001, 14 ta’ Gunju 2002, 25 ta’ Gunju, 2002, u tat-30 ta’ Mejju, 2003, meta dejjem gie verbalizzat li l-kawza kienet qed tigi differita billi kienet miexja mal-kawza fuq imsemmija. Rat ukoll il-verbal tat-8 ta’ Lulju 2003, meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghall-31 ta’ Mejju, 2004 flimkien mal-kawza Cit. numru 1094/00 li ukoll thalliet ghas-sentenza ghall-istess data.

Osservat li l-kawza Cit. Nru. 1094/2000 ma gietx deciza fl-udjenza tal-31 ta’ Mejju 2004, u ghalhekk jidher li l-aggravju mressaq mis-socjeta` appellanti f’din il-kawza limitatament fuq din il-kwistjoni jista’ jkun gustifikat billi l-kawzi huma intimament marbuta kif irrikonoxxiet l-ewwel Qorti u jkun xieraq li jigu trattati u decizi flimkien.
Osservat li l-kawza Cit. Nru. 1094/2000 illum hija deciza u li ghalkemm l-appell minnha gie introdott fid-9 ta’ Novembru 2006, dan ghadu mhux appuntat.

Konsegwentement tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza u thalli l-appell sine die pendenti d-data ta' l-appuntament tal-appell fil-kawza fl-istess ismijiet sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza flimkien mal-kawza Cit. Nru. 1094/2000.

Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------